# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Mariano Formosa

Illum, 4 ta' Novembru, 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Mariano Formosa, bin Michael u Rose Mary Ann nee Bellizzi imwieled fil-14/09/1997 u joqghod Resurrexit, Triq Lord Gort, Zebbug, Malta ID 0355997M

Billi int akkuzat talli fis-7 ta' Lulju, 2022 ghall-habta ta' 01.00 hrs fi Triq Valletta, Mosta soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni ACV 575;

1. B'manjiera traskurata;
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
3. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-

traffiku, involontarjament ikkagunajt offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Jean Carl Spiteri skond kif iccertifika Dr. Greta Attard M.D. mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikol u 226(1)(b) Kap 9 u art 15(1)(a)(2)(3) tal- Kap 65 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS 2224 Susanne Mifsud u Dr Greta Attard** xehdu permezz ta’ affidavit

**Jean Carl Spiteri** xehed dwar id-dinamika tal-incident u stqarr li l-incident sehh xi darba f’Gunju 2022.

**Ikkunsidrat**

Illi x-xhud Jean Carl Spiteri taghha data hazina rigwardanti l-incident in dezamina. Inoltre, meta gie mitkellem Mariano Formosa, ma nghatghax id-drittijiet spettanti lilu. Fic-cirkostanzi kollha l-Qorti tqis li ma kienx hemm il-grad ta’ provi rikjest fil-kamp kriminali.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikol u 226(1)(b) Kap 9 u art 15(1)(a)(2)(3) tal- Kap 65 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

ma ssibx lil Mariano Formosa hati tal-imputazzjonji fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**